TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 140/16/F

**Tiziana u Mauro Orsini**

**vs**

**Grey & Adler**

Illum 29 ta' Novembru, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Lulju, 2016 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' mitejn u sebgħin ewro (€270), rappreżentanti prezz ta' rollijiet wallpaper illi wara li s-soċjeta' ntimata ħadu l-qies, spiċċaw kellhom tliet rollijiet żejda, u għalhekk iridu l-flus lura ta' dawn iż-żewġ rollijiet.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li hija rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw seba' rollijiet wallpaper u jidher li wara li sar ix-xogħol kien għad baqa' 3 rollijiet żejda.

*Daparte* tas-soċjeta' ntimata offriet li jieħdu lura roll wieħed u li riedu jagħtuhom il-flus ta' roll wieħed biss.

It-Tribunal, jinnota d-diskrepanza bejn dak li jridu r-rikorrenti u dak li qed toffri s-soċjeta' ntimata. Illi t-Tribunal, jinnota li jkun tajjeb illi r-rikorrenti jkollhom wieħed żejjed.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiddeċiedi billi jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lura lir-rikorrenti l-prezz ta' żewġ rollijiet, jiġifieri jirrifondu lura l-prezz ta' mija u tmenin ewro (€180), u b'dan illi r-rollijiet jiġu propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888